# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-9 ta’ Novembru 2010

## li teħles lill-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Franza, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit mill-obbligu li japplikaw fuq ċerti speċi d-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 1999/105/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta’ żrieragħ tax-xtieli għall-għalf, żrieragħ taċ-ċereali, materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dwieli, materjal riproduttiv tal-foresti, żerriegħa tal-pitravi, żrieragħ tal-ħxejjex u żrieragħ ta’ xtieli taż-żejt u l-fibra rispettivament

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 7578)*

**(It-testi fl-ilsien Bulgaru, Ċek, Daniż, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Germaniż, Grieg, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Slovakk, Sloven, Spanjol u Svediż biss huma awtentiċi)**

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/680/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta’ Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta’ żerriegħa ta’ pjanti tal-għalf [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 23a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta’ Ġunju 1966 dwar il-marketing taż-żerriegħa tal-ġwież [taċ-ċereali] [2], u b’mod partikolari l-Artikolu 23a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta’ April 1968 dwar il-marketing ta’ materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja [3], u b’mod partikolari l-Artikolu 18a tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta’ Diċembru 1999 dwar il-marketing ta’ materjali riproduttivi tal-foresti [4], u partikolarment l-Artikolu 20 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KEE tal-13 ta’ Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq taż-żerriegħa tal-pitravi [5], u b’mod partikolari l-Artikolu 30 A tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta’ Ġunju 2002 dwar il-marketing ta’ żrieragħ tal-ħxejjex [6], u b’mod partikolari l-Artikolu 49 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta’ Ġunju 2002 fuq il-marketing taż-żerriegħa ta’ pjanti taż-żejt u tal-fibra [7], u b’mod partikolari l-Artikolu 28 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 1999/105/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE jipprevedu ċerti dispożizzjonijiet għall-marketing ta’ żerriegħa ta’ pjanti tal-għalf, żerriegħa tal-ġwież [taċ-ċereali], materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dielja, materjali riproduttivi tal-foresti, żerriegħa tal-pitravi, żrieragħ tal-ħxejjex, u żerriegħa ta’ pjanti taż-żejt u tal-fibra rispettivament. Dawk id-Direttivi jipprovdu wkoll li, suġġett għal ċerti kondizzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu jinħelsu kompletament jew parzjalment mill-obbligu li japplikaw dawk id-Direttivi fir-rispett ta’ ċerti speċi jew materjali.

(2) Żerriegħa tal-ispeċi stabbiliti fil-Partijiet I, II, V, VI u VII tal-Anness ta’ din id-Deċiżjoni mhix normalment riprodotta jew ikkumerċjalizzata f’ċerti Stati Membri. Barra minn hekk, it-tkabbir tad-dwieli u l-marketing tal-materjal propagattiv previsti fil-Parti III ta’ dak l-Anness huma ta’ importanza ekonomika minima f’ċerti Stati Membri. L-ispeċi tas-siġar previsti fil-Parti IV ta’ dak l-Anness ukoll mhumiex importanti għall-iskopijiet ta’ foresterija f’ċerti Stati Membri.

(3) Abbażi tal-applikazzjonijiet li saru mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit mill-1969 il-Kummissjoni addottat

[1] ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66.
[2] ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66.
[3] ĠU L 93, 17.4.1968, p. 15.
[4] ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17.
[5] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12.
[6] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33.
[7] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.

id-Deċiżjonijiet li ġejjin: 69/270/KEE ([1]), 69/271/KEE ([2]), 69/272/KEE ([3]), 70/47/KEE ([4]), 70/48/KEE ([5]), 70/49/KEE ([6]), 70/93/KEE ([7]), 70/94/KEE ([8]), 70/481/KEE ([9]), 72/270/KEE ([10]), 72/271/KEE ([11]), 73/122/KEE ([12]), 73/123/KEE ([13]), 73/188/KEE ([14]), 74/5/KEE ([15]), 74/358/KEE ([16]), 74/360/KEE ([17]), 74/361/KEE ([18]), 74/362/KEE ([19]), 74/491/KEE ([20]), 74/532/KEE ([21]), 75/287/KEE ([22]), 75/752/KEE ([23]), 79/355/KEE ([24]), 86/153/KEE ([25]), 89/101/KEE ([26]), 90/209/KEE ([27]), 2005/325/KE ([28]), 2005/871/KE ([29]), 2005/886/KE ([30]), 2005/931/KE ([31]), 2008/462/KE ([32]), 2009/786/KE ([33]), 2010/198/UE ([34]) u 2010/377/UE ([35]) li jeħilsu li dawk l-Istati Membri kompletament jew parzjalment mill-obbligu li japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 66/401/KEE, 66/402/KEE, 68/193/KEE, 1999/105/KE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE, għall-ispeċi u l-materjal inkwistjoni.

(4) Bħala parti mill-istħarriġ imwettaq mill-Kummissjoni fl-ewwel semestru tal-2010 fost l-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni talbet dawn l-Istati Membri li jivverifikaw sa liema punt iqisu xieraq li jkomplu japplikaw id-Deċiżjonijiet imsemmija fl-inċiż 3 u jekk l-kondizzjonijiet applikabbli għadhomx jiġu sodisfatti. Abbażi tal-verifika, ċerti Stati Membri ssottomettew applikazzjonijiet aġġornati lill-Kummissjoni, filwaqt li l-Belġju, il-Greċja u l-Lussemburgu talbu li jirtiraw id-Deċiżjonijiet relatati magħhom kollha. Għalhekk hemm bżonn li jkun aġġornat il-ħelsien mogħti u, fejn mitlub, jiġi rtirat. Barra minn hekk, fl-interess tat-trasparenza u s-simplifikazzjoni, id-Deċiżjonijiet kollha msemmija fl-inċiż 3 għandhom jitħassru u jiġu sostitwiti b'att wieħed.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żerriegħa u l-Materjal Propagattiv għall-Agrikoltura, l-Ortikoltura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

1. L-Istati Membri previsti fil-Parti I tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni jinħelsu mill-obbligu li japplikaw id-Direttiva 66/401/KEE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 14(1), għall-ispeċi elenkati fl-ewwel kolonna tat-tabella u li tikkorrispondi għall-indikazzjoni “X” fil-kolonna tal-Istati Membri rispettivi.

2. L-Istati Membri previsti fil-Parti II tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni jinħelsu mill-obbligu li japplikaw id-Direttiva 66/402/KEE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 14(1), għall-ispeċi elenkati fl-ewwel kolonna tat-tabella u li tikkorrispondi għall-indikazzjoni “X” fil-kolonna tal-Istati Membri rispettivi.

Fil-każ tal-Latvja, il-ħelsien ta' dan l-obbligu fir-rispett ta' *Zea mays* japplika wkoll bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 19(1) ta' dik id-Direttiva.

3. L-Istati Membri previsti fil-Parti III tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni jinħelsu mill-obbligu li japplikaw id-Direttiva 68/193/KEE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 12 u 12a, għall-ġenus elenkat fl-ewwel kolonna tat-tabella.

4. L-Istati Membri previsti fil-Parti IV tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni jinħelsu mill-obbligu li japplikaw id-Direttiva 1999/105/KEE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 17(1), għall-ispeċi elenkati fl-ewwel kolonna tat-tabella u li tikkorrispondi għall-indikazzjoni “X” fil-kolonna tal-Istati Membri rispettivi.

5. L-Istati Membri previsti fil-Parti IV tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni jinħelsu mill-obbligu li japplikaw id-Direttiva 2002/54/KE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 20, għall-ispeċi elenkati fl-ewwel kolonna tat-tabella u li tikkorrispondi għall-indikazzjoni “X” fil-kolonna tal-Istati Membri rispettivi.

6. L-Istati Membri previsti fil-Parti VI tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni jinħelsu mill-obbligu li japplikaw id-Direttiva 2002/55/KE, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 16(1) u 34(1), għall-ispeċi elenkati fl-ewwel kolonna tat-tabella u li tikkorrispondi għall-indikazzjoni “X” fil-kolonna tal-Istati Membri rispettivi.

7. L-Istati Membri previsti fil-Parti VII tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni jinħelsu mill-obbligu li japplikaw id-Direttiva 2002/57/KE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 17, għall-ispeċi elenkati fl-ewwel kolonna tat-tabella u li tikkorrispondi għall-indikazzjoni “X” fil-kolonna tal-Istati Membri rispettivi.

([1]) ĠU L 220, 1.9.1969, p. 8.
([2]) ĠU L 220, 1.9.1969, p. 9.
([3]) ĠU L 220, 1.9.1969, p. 10.
([4]) ĠU L 13, 19.1.1970, p. 26.
([5]) ĠU L 13, 19.1.1970, p. 27.
([6]) ĠU L 13, 19.1.1970, p. 28.
([7]) ĠU L 25, 2.2.1970, p. 16.
([8]) ĠU L 25, 2.2.1970, p. 17.
([9]) ĠU L 237, 28.10.1970, p. 29.
([10]) ĠU L 166, 24.7.1972, p. 26.
([11]) ĠU L 166, 24.7.1972, p. 27.
([12]) ĠU L 145, 2.6.1973, p. 41.
([13]) ĠU L 145, 2.6.1973, p. 43.
([14]) ĠU L 194, 16.7.1973, p. 16.
([15]) ĠU L 12, 15.1.1974, p. 13.
([16]) ĠU L 196, 19.7.1974, p. 15.
([17]) ĠU L 196, 19.7.1974, p. 18.
([18]) ĠU L 196, 19.7.1974, p. 19.
([19]) ĠU L 196, 19.7.1974, p. 20.
([20]) ĠU L 267, 3.10.1974, p. 18.
([21]) ĠU L 299, 7.11.1974, p. 14.
([22]) ĠU L 122, 14.5.1975, p. 15.
([23]) ĠU L 319, 10.12.1975, p. 12.
([24]) ĠU L 84, 4.4.1979, p. 23.
([25]) ĠU L 115, 3.5.1986, p. 26.
([26]) ĠU L 38, 10.2.1989, p. 37.
([27]) ĠU L 108, 28.4.1990, p. 104.
([28]) ĠU L 109, 29.4.2005, p. 1.
([29]) ĠU L 320, 8.12.2005, p. 50.
([30]) ĠU L 326, 13.12.2005, p. 39.
([31]) ĠU L 340, 23.12.2005, p. 67.
([32]) ĠU L 160, 19.6.2008, p. 33.
([33]) ĠU L 281, 28.10.2009, p. 5.
([34]) ĠU L 87, 7.4.2010, p. 34.
([35]) ĠU L 173, 8.7.2010, p. 73.

Fil-każ ta' Malta, il-ħelsien ta' dan l-obbligu fir-rispett tal-warda tax-xemx japplika wkoll bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 9(1) ta' dik id-Direttiva.

*L-Artikolu 2*

Id-Deċiżjonijiet 69/270/KEE, 69/271/KEE, 69/272/KEE, 70/47/KEE, 70/48/KEE, 70/49/KEE, 70/93/KEE, 70/94/KEE, 70/481/KEE, 72/270/KEE, 72/271/KEE, 73/122/KEE, 73/123/KEE, 73/188/KEE, 74/5/KEE, 74/358/KEE, 74/360/KEE, 74/361/KEE, 74/362/KEE, 74/491/KEE, 74/532/KEE, 75/287/KEE, 75/752/KEE, 79/355/KEE, 86/153/KEE, 89/101/KEE, 90/209/KEE, 2005/325/KE, 2005/871/KE, 2005/886/KE, 2005/931/KE, 2008/462/KE, 2009/786/KE, 2010/198/UE u 2010/377/UE jitħassru.

*L-Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

John DALLI

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Parti I – Id-Direttiva 66/401/KEE**

| | BG | CZ | DK | DE | IE | ES | LV | LT | MT | PL | SK | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Agrostis canina* | | | | | | | X | | | | | |
| *Alopecurus pratensis* | | | | | X | | | | X | | | X |
| *Arrhenatherum elatius* | | | | | X | | | | X | | | |
| *Bromus catharticus* | | | | X | | X | X | X | X | | | |
| *Bromus sitchensis* | | | | X | | X | X | X | X | X | | |
| *Cynodon dactylon* | | X | | X | | | X | X | | X | | X |
| *Dactylis glomerata* | | | | | | | | | X | | | |
| *Festuca arundinacea* | | | | | | | | | X | | | |
| *x Festulolium* | | | | | | | | | X | | | |
| *Lolium x boucheanum* | | | | | | | | | X | | | |
| *Phalaris aquatica* | | | X | X | | | X | X | X | X | | X |
| *Phleum nodosum* | | | | | | | | | X | | | |
| *Phleum pratense* | | | | | | | | | X | | | |
| *Poa annua* | | | | X | | | | | X | X | | |
| *Poa nemoralis* | | | | | | | X | | X | | | |
| *Poa palustris* | | | | | | | | | X | | | X |
| *Poa trivialis* | | | | | | | | | X | | | |
| *Trisetum flavescens* | | | | | X | | X | | X | X | | X |
| *Galega orientalis* | X | | | | | | | | | | X | X |
| *Hedysarum coronarium* | | X | | X | X | | X | X | | X | | X |
| *Lotus corniculatus* | | | | | X | | | | X | | | |
| *Lupinus albus* | | | | | X | | | | X | | | |
| *Lupinus angustifolius* | | | | | X | | | | X | | | |
| *Lupinus luteus* | | | | | X | | | | X | | | |
| *Medicago lupulina* | | | | | X | | X | | X | | | |
| *Medicago x varia* | | | | | | | | | X | | | |
| *Onobrychis viciifolia* | | | | | X | | | | X | | | |
| *Trifolium alexandrinum* | | | | | X | | X | | | X | | X |

| | BG | CZ | DK | DE | IE | ES | LV | LT | MT | PL | SK | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Trifolium hybridum* | | | | | | | | | X | | | |
| *Trifolium incarnatum* | | | | | X | | X | | X | | | X |
| *Trifolium repens* | | | | | | | | | X | | | |
| *Trifolium resupinatum* | | | | | X | | X | | X | | | X |
| *Trigonella foenum-graecum* | | | | X | X | | X | X | X | X | | X |
| *Vicia pannonica* | | | | | X | | X | | X | X | | |
| *Vicia villosa* | | | | | X | | | | X | | | |
| *Brassica napus* | | | | | | | | | X | | | |
| *Brassica oleracea* | | | | | | | | | | | | |
| *Phacelia tanacetifolia* | | | | | | X | | | X | | | X |
| *Raphanus sativus* | | | | | | | | | X | | | |

**Parti II – Id-Direttiva 66/402/KEE**

| | CZ | DK | DE | EE | IE | FR | LV | LT | MT | NL | PL | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Avena strigosa* | | | | X | | | X | | | | | X |
| *Oryza sativa* | X | X | X | X | X | | X | X | X | X | X | X |
| *Phalaris canariensis* | | | X | X | X | X | X | | | | | X |
| *Sorghum bicolor* | | X | | X | X | | X | | | | X | X |
| *Sorghum sudanense* | | X | | X | X | | X | X | | | X | X |
| *Sorghum bicolor x Sorghum sudanense* | | X | | X | X | | X | | | | X | X |
| *Triticum spelta* | | | | | X | | X | | | | | |
| *Zea mays* | | | | | | | X | | | | | |

**Parti III – Id-Direttiva 68/193/KEE**

| | DK | EE | IE | LV | LT | NL | PL | FI | SE | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Vitis | X | X | X | X | X | X | X | X | X | X |

**Parti IV – Id-Direttiva 1999/105/KE**

| | DK | EE | LT | MT | SI |
|---|---|---|---|---|---|
| *Abies alba* | | X | X | X | |
| *Abies cephalonica* | X | X | X | X | |

| | DK | EE | LT | MT | SI |
|---|---|---|---|---|---|
| *Abies grandis* | | X | X | X | |
| *Abies pinsapo* | X | X | X | X | X |
| *Acer platanoides* | | | | X | |
| *Acer pseudoplatanus* | | X | X | X | |
| *Alnus glutinosa* | | | | X | |
| *Alnus incana* | | | | X | |
| *Betula pendula* | | | | X | |
| *Betula pubescens* | | | | X | |
| *Carpinus betulus* | | X | | X | |
| *Castanea sativa* | X | X | X | | |
| *Cedrus atlantica* | X | X | X | X | X |
| *Cedrus libani* | X | X | X | X | X |
| *Fagus sylvatica* | | X | | X | |
| *Fraxinus angustifolia* | X | X | X | | |
| *Fraxinus excelsior* | | | | X | |
| *Larix decidua* | | | | X | |
| *Larix x eurolepis* | | | | X | |
| *Larix kaempferi* | | | | X | |
| *Larix sibirica* | X | | X | X | X |
| *Picea abies* | | | | X | |
| *Picea sitchensis* | | X | X | X | X |
| *Pinus brutia* | X | X | X | | X |
| *Pinus canariensis* | X | X | X | | X |
| *Pinus cembra* | X | X | X | X | |
| *Pinus contorta* | | | X | X | X |
| *Pinus halepensis* | X | X | X | | |
| *Pinus leucodermis* | X | X | X | X | X |
| *Pinus nigra* | | X | X | | |
| *Pinus pinaster* | X | X | X | | |
| *Pinus pinea* | X | X | X | | |
| *Pinus radiata* | X | X | X | | X |
| *Prunus avium* | | X | | | |

| | DK | EE | LT | MT | SI |
|---|---|---|---|---|---|
| *Pseudotsuga menziesii* | | | X | | |
| *Quercus cerris* | X | X | X | | |
| *Quercus ilex* | X | X | X | | |
| *Quercus petraea* | | X | | X | |
| *Quercus pubescens* | X | X | X | X | |
| *Quercus rubra* | | | | X | |
| *Quercus suber* | X | X | X | | |
| *Robinia pseudoacacia* | | X | | | |
| *Tilia cordata* | | | | X | |
| *Tilia platyphyllos* | | X | | X | |

**Parti V – Id-Direttiva 2002/54/KE**

| | CY | MT |
|---|---|---|
| *Beta vulgaris* | X | X |

**Parti VI – Id-Direttiva 2002/55/KE**

| | IE | UK |
|---|---|---|
| *Allium cepa - aggregatum group* | | X |
| *Allium fistulosum* | | X |
| *Allium sativum* | | X |
| *Allium schoenoprasum* | | X |
| *Anthriscus cerefolium* | X | X |
| *Asparagus officinalis* | X | |
| *Beta vulgaris* | X | |
| *Capsicum annuum* | | X |
| *Cichorium intybus* | | X |
| *Citrullus lanatus* | X | X |
| *Cucurbita maxima* | X | |
| *Cynara cardunculus* | X | X |
| *Foeniculum vulgare* | | X |
| *Rheum rhabarbarum* | | X |
| *Scorzonera hispanica* | X | X |

| | IE | UK |
|---|---|---|
| *Solanum melongena* | | X |
| *Valerianella locusta* | X | X |

**Parti VII – Id-Direttiva 2002/57/KE**

| | CZ | DK | DE | EE | IE | FR | CY | LV | LT | MT | NL | PL | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Arachis hypogaea* | X | X | X | X | X | X | | X | X | X | X | X | X |
| *Brassica rapa* | | | | | | | | | | X | | | |
| *Brassica juncea* | | | | | X | | | X | | X | | | |
| *Brassica napus* | | | | | | | | | | X | | | |
| *Brassica nigra* | | | | X | X | | | X | | X | | X | |
| *Cannabis sativa* | | | | | X | | X | | | X | | | |
| *Carthamus tinctorius* | | X | X | X | X | | | X | | X | | X | X |
| *Carum carvii* | | | X | | X | X | | | | X | | | X |
| *Gossypium* spp. | X | X | X | X | X | | | X | X | X | X | X | X |
| *Helianthus annuus* | | X | | X | X | | | X | | X | | | |
| *Linum usitatissimum* | | | | | | | | | | X | | | |
| *Papaver somniferum* | | | | | X | | X | | | X | | | X |
| *Sinapis alba* | | | | | X | | | | | X | | | |
| *Glycine max* | | X | | | X | | | X | | X | X | | |

*Tifsira*

Taqsiriet:

BG: ir-Repubblika tal-Bulgarija
CZ: ir-Repubblika Ċeka
DK: ir-Renju tad-Danimarka
DE: ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja
EE: ir-Repubblika tal-Estonja
IE: l-Irlanda
ES: ir-Renju ta' Spanja
FR: ir-Repubblika Franċiża
CY: ir-Repubblika ta' Ċipru
LV: ir-Repubblika tal-Latvja
LT: ir-Repubblika tal-Litwanja
MT: ir-Repubblika ta' Malta
NL: Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi
PL: ir-Repubblika tal-Polonja
SI: ir-Repubblika tas-Slovenja
SK: ir-Repubblika Slovakka
FI: ir-Repubblika tal-Finlandja
SE: ir-Renju tal-Isvezja
UK: ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

L-indikazzjoni "X" tidher taħt it-titlu għal kull Stat Membru meħlus kif jipprovdi għal dan l-Artikolu 1.